**29 ta' Jannar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Charles Anastasi nomine

*versus*

Anthony Buttigieg proprio et nomine

**Sekwestru — Sekwestratarju — Depositu — Kompensazzjoni — Art. 1246 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk id-debitu tas-sekwestratarju ma jkunx ċert u likwidu fil-mument tar-riċezzjoni tal-mandat ta' sekwestru, is-sekwestratarju ma hux obbligat li jiddeposita fil-Qorti l-ammont sekwestrat.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine wara li ppremetta li huwa b'sentenza ta' dina l-Qorti tal-ħdax (11) ta' Ottubru, 1963, fl-ismijiet "Charles Anastasi kanonizzat kreditur tad-ditta Giorgio Reali S.P.A. ta' Bologna, nomine et vs Avukat Dr. Francis Portanier nomine et" ġie

fis-somma ta' elf sitt mija sebgħa u sebgħin lira u tlett xelini (£1677. 3s. 0d) oltre l-imgħaxijiet u l-ispejjeż; u illi fil-25 (ħamsa u għoxrin) ta' Jannar, 1964, huwa ottjena minn dina l-Qorti l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (Numru 39 tal-1964) in esekuzzjoni ta' dika s-sentenza, li bih il-konvenut Buttigieg proprio et nomine ġie notifikat bħala sekwestratarju u illi dan interpellat b'ittra uffiċċjali tal-ħamsa (5) ta' Frar, 1964, iddikjara b'ittra uffiċċjali tal-għaxra (10) ta' Frar, 1964 (Dok. A) li huwa m'għandu xejn tad-ditta debitriċi sekwestrata; u illi dina d-dikjarazzjoni hija inveridika għaliex fil-fatt għandu f'idejh ċirka sitt mitt lira (£600) tad-ditta debitriċi sekwestrata, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża — talab li — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni — jiġi dikjarat u deċiż li d-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenut proprio et nomine fl-ittra uffiċċjali tiegħu fuq imsemmija tal-għaxra (10) ta' Frar, 1964, hija inveridika u (2) il-konvenut jiġi kkundannat jiddeposita fir-Reġistru ta' dina l-Qorti s-somma ta' sitt mitt lira (£600), jew kull somma oħra li effettivament tinsab f'idejh u dana in parzjali soddisfazzjon tal-kreditu esekuttiv fuq imsemmi, okkorrendo taħt is-sanzjonijiet li jiġu stabiliti minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' mandat ta' sekwestru tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar, 1964, u tal-ittra uffiċjali tal-ħamsa (5) ta' Frar, 1964, fuq imsemmija, u b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni u imgħaxijiet.

OMISSIS:

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża huma mfissra fil-premessi taċ-ċitazzjoni: l-attur ottjena l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru f'idejn il-konvenut fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar, 1964, kontra d-ditta Giorgio Reali S.P.A. ta' Bologna in esekuzzjoni tas-sentenza li ottjena kontra tagħha fil-ħdax (11) ta' Ottubru, 1963 u b'ittra uffiċjali tal-ħamsa (5) ta' Frar, 1964, interpella lill-konvenut biex jiddikjara jekk kellux xi

ħaġa ta' proprjetà tad-ditta debitriċi u f'każ affermattiv, jgħaddi għad-depositu relattiv. Il-konvenut irrisponda li ma kellu xejn ta' din id-ditta b'ittra uffiċjali tal-għaxra (10) ta' Frar, 1965 (konsimili a fol. 5) u billi l-attur ippretenda li dina d-dikjarazzjoni *mhix korretta* u *ma tikkorrispondix għall-fatti*, għamel dina l-kawża biex tingħata dikjarazzjoni f'dana s-sens u fl-istess ħin il-konvenut jiġi ikkundannat jagħmel id-depositu ta' £600 (sitt mitt lira) jew kull somma oħra li effettivament tinsab f'idejh;

Illi bħala fatt irriżulta (anke apparti mix-xhieda tal-konvenut meħuda bl-istenografu li ma laħaqx ikkonferma qabel ma miet) *li l-konvenut kien ordna xi xogħol mingħand* id-ditta estera preċitata u billi ppretenda li din ma kienetx bagħtitlu l-ordni kollu kif mistenni ma ħallasiex il-prezz kollu mif-tiehem, neħħi li wara, mill-ammont li żamm, aċċetta li jħallas u ħallas xi somma dovuta minn dik id-ditta lill-kreditur ieħor tagħha, differenti mill-attur. Huwa fuq il-bilanċ li baqa' hekk f'idejn il-konvenut li l-attur qiegħed jippretendi li japplikaw l-effetti tas-sekwestru maħruġ fuq talba tiegħu, u jippretendi li l-konvenut għandu jiġi imġiegħel *jiddeposita*; u hawn għandu jiżdied, kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża, li l-attur jinsisti li dana d-depositu għandu jsir inattesa l-pretensjoni tal-konvenut kontra d-ditta estera peress li (din hija t-tesi attriċi) la darba għadha mhix likwida allura m'hemmx lok għall-kompensazzjoni u hekk din tiġi tinħoloq wara li ġie spikkat is-sekwestru f'idejn il-konvenut u dana kwindi għandu l-ewwel jiddeposita mbagħad jikkonkorri mal-kredituri l-oħrajn (fost-hom l-attur) fuq dana d-depositu għall-istess pretenżjoni;

Ikkunsidrat:

Illi r-risposta tal-konvenut għall-ittra uffiċjali tal-attur hija fis-sens li hu m'għandu xejn ta' pertinenza tad-ditta estera (ara konsimili, ta' fol. 5), mingħajr ebda spjegazzjoni

ta' xejn, kif però jinsab spjegat fin-nota tal-eċċezzjonijiet li ta f'dina l-kawża u fid-dikjarazzjoni akkompanjanti l-istess. B'dana l-mod hu ġie unilateralment illikwida dak li kellu jitnaqqas mill-prezz lid-ditta estera minħabba l-pretensjoni tiegħu kontra tagħha fis-sens ġia imfisser; jingħad unilateralment *għaliex ma jirriżultax li qablet ma' dan l-istess ditta estera* għalkemm lanqas ma jirriżulta li hija fittxitu għall-bilanċ li ma ħallasiex. Issa ħadd ma jista' jinnega lill-attur id-dritt li jara li ebda preġudizzju ma jsir lilu minħabba l-likwidazzjoni li ssir f'dana r-rigward u li jipprovoka l-istess likwidazzjoni in vista tal-kreditu tiegħu stess kontra d-ditta estera u aktar wara *l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru; f'kull każ*, però, la darba ma kienx hemm qabel is-sekwestru tiegħu dina l-likwidazzjoni bejn il-konvenut u d-ditta estera, ma jistax jiġi ritenut li d-dikjarazzjoni tal-konvenut li ma għandu xejn ta' spettanza tad-ditta estera kienet korretta billi din ma tirrappreżentax korrettament il-fatti u fil-fatt għad jista' jirriżulta li hu ma ħaqqux inaqqas kemm ma ħallasx jew m'għandu inaqqas xejn u allura s-sekwestru jseħħ fuq parti mill-ammont trattenut jew fuq it-totalità tiegħu.

Dan naturalment jingħad bħala ipotesi biss billi hawn ma jista' jiġi diskuss bl-ebda mod il-meritu ta' dina l-kwistjoni li trid issir fil-kontraditorju tad-ditta estera ukoll: id-dikjarazzjoni tal-konvenut fis-sens li ta tista' tirriżulta fondata fil-fatt jekk u meta tkun saret diskussjoni ta' dina l-kwistjoni u għal xi raġuni jew oħra jiġi ritenut li m'għad għandu jagħti xejn lid-ditta estera; iżda dan juri li, meta saret, ma kienetx, kif intqal, tagħti deskrizzjoni preċiża tal-fatti billi li ma għandux jagħti hu differenti milli jippretendi li ma għandux jagħti;

Illi kwantu għat-tieni domanda tal-attur għad-depositu da parti mill-konvenut, hu evidenti li dana jrid ikun għall-*ammont li verament il-konvenut kellu jagħti fil-mument li*

rċeva s-sekwestru, u billi dan l-ammont għad mhux likwidu għar-raġunijiet li għad kif issemmew dina l-istess domanda tidher li hija intempestiva. Dana però jista' jingħad li verament hu hekk kemm il-darba ma għandux raġun l-attur fis-sottomissjoni tiegħu fis-sens premess li l-konvenut għandu jgħaddi biex jiddeposita l-ammont kollu minnu trattenut mill-prezz miftiehem mad-ditta estera (dedott bl-ammont li ħallas in segwitu minnu) salv li jikkonkorri fuqu mal-kredituri l-oħrajn tad-ditta estera. L-argoment prinċipali tal-attur in sostenn ta' dina t-tesi hu bażat fuq id-disposizzjoni tal-artikolu 1246 (2) tal-Kodiċi Ċivili u hu fis-sens li la darba l-ammont li jista' l-konvenut ikun intitolat inaqqas mill-prezz miftiehem, (konsidrat mill-attur bħala kreditu tal-konvenut tad-ditta estera) kien għadu mhux ċert u likwidu fil-mument tar-riċessjoni tal-mandat ta' sekwestru, allura hu ma jistax jikkumpensa favur tiegħu dana l-kreditu a preġudizzju tal-kreditur sekwestrant, u, ikompli jgħid li dan għandu jiġri anke jekk dana l-kreditu kien dovut għall-raġuni pre-eżistenti għas-sekwestru però l-ammont relativ ma kienx ċertu likwidu f'daka l-mument tan-notifika;

Illi fil-fehma tal-Qorti s-soluzzjoni ta' dina l-kwistjoni qegħda fin-natura tad-dritt (salva l-kwistjoni dwar l-eżistenza tiegħu fil-fatt) oppost mill-konvenut stess kontra dina t-tesi u derivanti mill-fatt (kif jgħid hu) tal-inadempjenza tad-ditta estera li tfornih dak li kellha tfornih u li għaliex biss kien dovut il-prezz kollu miftiehem; dina l-pretenżjoni tikkonnetti dana d-dritt ma' l-istess obbligazzjoni tal-konvenut biex iħallas u kwindi tiddistingwi lil dana d-dritt minn dak ta' kreditu li l-konvenut seta' in segwitu kellu kontra d-ditta estera għal xi raġuni indipendenti mill-ewwel waħda li taħtha kien debitur. Dina l-konnessjoni għandha tiġi ritenuta li tinfluwixxi fuq l-ammont verament dovut lid-ditta estera fil-mument tas-sekwestru b'mod li l-konvenut ma kienx debitur tal-ammont in kwistjoni f'daka l-mument, u kwindi ma japplikawx il-prin-

ċipji sottomessi mill-attur. Li għandu jkun hekk jidher mill-fatt li l-obbligu għall-ħlas tal-prezz *f'bejgħ hu dejjem soġġett* għall-kondizzjoni tal-konsenja tal-oġġett mibjugħ skond kif miftiehem u mhux dovut il-ħlas tal-*prezz* kollu jekk l-oġġett konsenjat ma jkunx skond il-ftehim (apparti drittijiet tax-xerrej); *id*-differenza bejn il-prezz miftiehem u dak dovut minħabba ir-riduzzjoni għall-inadempjenza da' parti tal-venditur tista' titqies biss ta' natura ta' kreditu, kemm il-darba il-prezz kollu jkun ġa tħallas (meta tesula l-possibilità ta' sekwestru f'idejn ix-xerrej għall-kreditu ta' terza persuna kontra l-venditur) *iżdatirriduċi* l-prezz *miftiehem* u *kwindi d-debitu* tax-xerrej jekk il-prezz ikun għadu ma tħallasx: kull likwidazzjoni ta' dina d-differenza *tirredonda* għall-ftehim stess li jkun sar u timmodifika l-istess ftehim u kwindi dika d-differenza, anke jekk likwidata wara s-sekwestru ma tistax tiġi kolpita minn mandat simili għax għandha titqies bħala mhux dovuta mix-xerrej lill-venditur tant li dan ma jistax jesiġiha minn-għandu. Osservazzjoni oħra li tikkonvalida dina l-veduta hi li fil-waqt li fil-bażi prospettati mill-attur il-likwidazzjoni li *tkun qegħda ssir bejn is-sekwestratarju u d-debitur kommuni* (tiegħu u tas-sekwestrant) tkun tirrigwarda ammont ta' kreditu differenti mill-*ammont* sekwestrat f'dana l-każ il-likwidazzjoni tirrigwarda l-istess ammont sekwestrat hija din li għadha ma saritx u hu n-nuqqas tagħha li kwindi jista' għad-depositu mitlub f'dina t-tieni talba.

Illi kif jirriżulta mix-xhieda ta' l-attur dan kien jaf li l-pretenżjoni tal-konvenut qabel ma għamel il-kawża u għamilha għaliex ippretenda li għandu jsir id-depositu qabel id-definizzjoni ta' l-istess pretenzjoni; taħt d[illegible] l-aspett intqal li dina t-tieni domanda hi[illegible]tempestiva hi[illegible]ista' fil-meritu tkun fondata kemm il-darba jirriżulta li l-konvenut għadu debitur f'xi ammont u għal dana l-ammont: dana l-fatt għal-hekk jinfluixxi biss fuq il-ġudizzju u mhux fuq il-meritu;

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi: (a) tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li d-dikjarazzjoni tal-konvenut kontenuta fl-ittra uffiċjali tiegħu tal-ħamsa (5) ta' Frar, 1964 ma kienetx veridika għax ma tirrispekkjax il-vera posizzjoni tal-fatti kif imfisser iżjed 'il fuq u (b) tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju dwar it-tieni domanda. Dwar l-ispejjeż hemm lok dejjem ta' moderazzjoni in vista tan-novità tal-każ u l-punti nvoluti, barra milli d-deċiżżjoni komplessivament hija favorevoli u kuntrarja għaż-żewġ partijiet: l-ispejjeż kollha tal-kawża għalhekk jiġu sopportati mill-kontendenti nofs kull wieħed. Salvi u npreġudikati d-drittijiet tal-istess kontendenti skond il-liġi.